MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Numru. 203/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**JUANITA FENECH**

**(ID: 148761(M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata J**UANITA FENECH** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 148761(M) giet mressaqa quddiemha u akkuzata talli f' 01 ta' Awwissu 2012 u fis-06 ta' Settembru 2012 f'dawn il-Gzejjer:-

1.Bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil- hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat .

2. Iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar.

3. Bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti.

Il-Qorti giet mitlubsa sabiex f'kaz ta' kundanna, tapplika esperessament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-hatja sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputata a fol 7, fedina penali tal-imputata a fol. 8, stqarrija ta' l-imputata

markata Dok JR 5 esebita a fol. 11 et seq. u l-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 14 ta' Mejju 2013 immarkat bhala Dok JR 3 a fol. 9 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ukoll li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-14 ta' Mejju 2013 a fol. 16.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

**l-Ispettur Jonathan Ransley** xehed fl-14 ta'Mejju, 2013 (a fol. 17 et seq.) u spjega li kien baghat ghal Mario Fenech u kien kellmu l-ghassa ta' Hal-Balzan, fejn staqsih jekk hux minnu li kien naqas li jhallas xi manteniment partikolari u dan ikkonferma li kien hallas kollox u kien ghaddielu lista ta' cekkijiet li kienu hargu. Safrattant kien baghat request lil HSBC u lill-BOV sabiex jghaddulhom kopja tac-cekkijiet li Mario Fenech kien hareg u b'hekk seta' jikkonferma l-lista li kien tahom is-Sur Mario Fenech. Irrizulta li suppost kien hemm dsatax-il (19) pagament u wiehed minnhom kien nieqes, meta fil-fatt qabbel dawn ic-cekkijiet mal-lista li kellhom li kien tahom Mario Fenech u ma kienx hemm pagamenti neqsin.

Huwa kellem ukoll lil missier l-imputata, cioe' lil George Borg Cardona u dan baqa' jinsisti li kien hemm pagament nieqes. Spjega li tant hu hekk li kien hemm pagament wiehed ta (€600) li kellu jinqasam b'pagamenti ta' hamsin Ewro (€50). Allura skond hu kellu jkun hemmm cekkijiet ta' sitt mija w hamsin (€650).

Qal li mill-11 ta' April 2011 sa Novembru 2012, skond George Borg Cardona suppost kien hemm tnejn u ghoxrin (22) cekk. Fl-ebda hin ma rrizulta li kien hemm cekk nieqes u meta effettivament baghat ghall-imputata w kellimha jghid li din ma kinitx kapaci tghidilhom ghal-liema xahar ic-cekk ma intbaghatx lilha.

Ix-xhud uriha c-cekkijiet mahruga mill-Bank u qalilha tispjegalu liema wiehed minn dawn ic-cekkijiet ma kinitx irceviet u wiegbet li probabbli hemm xi wiehed minnhom li ma tafx jekk jekk giex imsarraf minnha, u meta staqsiha min sarrfu ma kinitx taf tirrispondih.

**L-Ispettur Jonathan Ransley** xehed in kontro-ezami fl-1 ta' Lulju, 2014 fejn qal li jiftakar li meta kien ircieva l-kwerela minghand Mario Fenech kien baghat ghalih u dana peress li kien hemm rapport illi ma kienx qed ihallas il-manteniment lill-ibnu. Fil-fatt dak il-hin stess Fenech kien ikkonferma illi kien hallas dan il-manteniment u kien lest li jgiblu kopja tal-pagamenti li kien ghamel u fil-fatt gabhomlu.

Meta kien gablu l-karta bid-dati ta' meta effettivament kien ghamel il-pagamenti kien tkellem mal-bank, kien gab ukoll kopja tac-*cheque images* u fil-fatt qal li kien gab anke iktar kopji tac-cekkijiet minn dawk mitluba fil-kwerela.

Ix-xhud qal li ma tkellimx mas-Sur Borg Cardona, ghalkemm is-Sur Borg Cardona kien baghat *email* id-Depot u din l-*email* giet *forwarded* lilu. Mistoqsi jekk kienx ra d-digriet tal-manteniment li kien gie ordnat mill-Qorti qal illi iva effettivament kien rah. Ix-xhud stqarr li dan id-digriet kien gie moghti lilu minn Mario Fenech u qal li a bazi ta' dan id-digriet kien ghamel il-kalkoli tieghu.

Meta gie mistoqsi x'kienet qaltlu l-avukata ta' Juanita Fenech meta kien kellimha dak iz-zmien meta kien qed jinvestiga l-kaz wiegeb li ma jiftakarx. B’ referenza ghall-ahhar parti tal-istqarrija li tinsab inserita fl-atti a fol. tnax (12) cioe' dwar il-konversazzjoni li kellu ma' Juanita Fenech huwa jikkonferma li effettivament kien sar dan id-diskors.

Meta gie mistoqsi ghal min kienet qed tirreferi Dr. Daniela Cassar meta qalet il-kelma klijent wiegeb li hu ghalih fehem li kienet qed tirreferi ghall-persuna msemmija fil-kwerela. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk lil Dr. Daniela Cassar staqsihiex jekk tkellmitx mal-imputata odjerna jew ma' missierha George Borg Cardona wiegeb li le ma staqsihiex. Ix-xhud wiegeb li ma jinteressahx minn min issarfu dawn ic-cekkijiet li gew esebiti fl-atti a fol. twenty three (23) et seq. immarkati bhala dokument GA1, qal li dak li jinteressah huwa li effettivament il-pagamenti saru. Ix-xhud ma kellux jinvestiga dawn ic-cekkijiet ulterjorment.

Ghalih il-pagamenti saru w ma jinteressahx min gabar il-flus. Ix-xhud stqarr li ghalih l-investigazzjoni kienet tikkoncerna li effettivament kien hemm rapport falz ghaliex allegatament intqal fil-kwerela li Mario Fenech ma kienx ghamel pagamenti u minn ezami ta' dawn ic-cekkijiet irrizultalu li

effettivament Mario Fenech kien ghamel il-pagamenti w ghalhekk wasal ghall-konkluzjoni li r-rapport kien wiehed falz.

Ix-xhud qal li d-digriet jaf li rah u kien hemm miktub li effettivament l-imputata tithallas sitt mitt Ewro (€600) fix-xahar pero' Juanita Fenech qalet li kien hemm sitt mija w hamsin Ewro (€650) pero' x-xhud ma ra l-ebda cekk b'sitt mija w hamsin (€650) u ghalhekk il-hamsin Ewro (€50) *extra* ta' Juanita Fenech ma jafx minn fejn inqalghu. Ix-xhud tenna li effettivament id-digriet kien kif qallu Mario Fenech kif ukoll missier l-imputata George Borg Cardona.

Ix-xhud qal li Mario Fenech dejjem hallas is-sitt mitt Ewro (€600) li kellu jhallas pero' George Borg Cardona u l-imputata qalu li effettivament kien hemm xi hlas ta' hamsin Ewro (€50), minn fejn gie dan il-hlas pero' ma jafx u ma rrizultalu minn imkien. Skond dak li qaltlu l-imputata il-hamsin Ewro (€50) suppost li kien ghal xi pagament nieqes li kien hemm, pero' ma rrizultalux li kien hemm pagament nieqes. Ix-xhud kompla jghid li ried ifisser ahjar li meta rcieva w investiga l-kwerela, rrizultalu li l-pagamenti msemmija f'dik il-kwerela kienu kollha mhallsa.

Ix-xhud qal l-investigazzjoni tieghu llimitaha biss ghall-kwerela. Ix-xhud qal li ghamel sena u seba' (7) xhur Spettur Hal-Balzan u f'dan iz-zmien kien ircieva diversi rapporti bejn il-familjari ta' Fenech u Borg Cardona w l-imputata. Jghid li ovvjament kwereli dwar kwistjonijiet ta' manteniment ircieva anke minn nies ohrajn li jghixu Hal-Balzan.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk hux normali ghalih jew le li joqghod jara d-digrieti u c-cekkijiet ma' kull kwerela wiegeb li jiddependi skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Effettivament il-kwerela kienet marret fl-ufficcju taghhom u meta beda jindaga Mario Fenech kien qallu li c-cekkijiet kienu kollha mhallsin u ghalhekk zammu ghaliex dehrlu li seta' kien kaz ta' kumpilazzjoni ta' rapport falz u ghalhekk investigah ulterjorment. Ix-xhud jghid li lil Mario Fenech u Juanita Fenech ma kienx jafhom qabel dan il-kaz pero' naturalment kien sema' bil-problemi li hemm bejniethom.

**L-Ispettur Jonathan Ransley rega** xehed fit-13 ta' Awwissu, 2014. Mistoqsi jekk effettivament l-imputata qattx ghamlet personalment rapport l-Ghassa gewwa Hal Balzan wiegeb illi quddiemu personalment ma ghamlitx rapport, pero' jekk ghamlet rapport fl-Ghassa ma jistax ighid. Lilu personalment la meta kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara u lanqas meta kien l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Balzan ma jaf illi l-imputata marret u ghamlet rapport lilu personalment.

Mistoqsi min effettivament ghamel din il-kwerela rigwardanti l-kawza odjerna qal illi l-kwerela in kwistjoni ma tinsabx inserita fl-atti pero' ghandu kopja taghha fil-*Police File* tieghu u ghalhekk ma jistax jghid min effettivament kiteb il-kwerela in kwistjoni. Huwa esebixxa kopja tal-kwerela li saret liema dokument gie markat mill-Qorti bhala Dokument CSH. Fil-fatt jghid li kien hemm zewg (2) kwereli li saru mill-ufficcju ta'

Scerri and Bonello Advocates wahda minnhom datata l-ewwel (1) ta' Awissu, 2012 (fol. 85) u l-ohra datata sitta (6) ta' Settembru, 2012 (fol. 84) fejn l-avukat relattiv Dr. Daniela Cassar kitbet ghan-nom ta' Juanita Fenech. Dawn iz-zewg (2) kwereli huma markati bhala Dok. CSH u CSH 1.

Ix-xhud stqarr li effettivament ma tkellimx ma' Dr. Daniela Cassar. Mexa biss fuq il-kwereli li gew mibghuta lilu. Naturalment jekk Dr. Daniela Cassar kitbet f'isem Juanita Fenech ghalih fehem illi effettivament Juanita Fenech kienet il-klijenta taghha. Sostna li hu u ma kellu l-ebda hbiberija ma' Mario Fenech qabel ma nfetah il-kaz u lanqas illum il-gurnata, illum il-gurnata pero' sar jafu.

**Audrey Ghigo xehdet in** rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta nhar l-14 ta' Mejju, 2013 u mistoqsija tesebixxi *images* ta' zewg cekkijiet mahrugin mill-kont numru: 011075926001 u appuntu wiehed numerat 1180 u l-iehor 1338 hija esebiet id-dokumenti li gew markati bhala komplessivament bhala Dok GA 1.

Ix-xhud kienet mitluba tesebixxi wkoll images ta' cekkijiet mahruga mill-kont numru 011074002001. Ic-cekkijiet huma numerati 3652, 3678, 3753, 3741, 3788, 3858, 3882, 3912, 3962, 4013, 4092, u iehor 4135 u dawn gew esebiti seduta stante w immarkati bhala Dok GA 2.

Mistoqsija jekk tkunx taf min sarrafhom ix-xhud wiegbet li kienet baghtet tali informazzjoni lill-Ispettur Jonathan Ransley. Qalet li c-cekk numru 1180 inhareg mill-kont numru 011075926001 u kien gie negozjat il-Bank of

Valletta, ic-cekk numru 1138 inhareg mill-kont numru :011075926001 kien gie pprezentat fil-HSBC Bank ta' Merchant Street, il-Belt Valletta. Ic-cekkijiet l-ohra kienu mahruga mill-kont 011074002001. Ix-xhud spjegat li c-cekk numru 3652 gie negozjat fil-Bank of Valletta, in-numru 3678 gie pprezenat fl-HSBC ta' Merchant Street, il-Belt. Ic-Cekk numru 3753, gie pprezentat fil-HSBC *Branch* ta' Hal-Balzan. Ic-cekkijiet bin-numru 3741, 3788, 3858, 3882, 3962, 4092 u 4135 kienu kollha pprezentati fil-*Branch* ta' Merchant Street, il-Belt, filwaqt li c-cekk numru 3912 gie pprezentat fil-HSBC *Branch* ta' Birkirkara u c-cekk numru 4013 gie pprezentat fil-HSBC *Branch* Hal-Balzan.

Meta giet mistoqsija jekk hemmx xi cekk li kien gie *encashed* u allura ghandhomx il-firma tal-persuna illi gibdet il-flus u min sarraf ic-cekk, hija wiegbet li ma tkunx taf ghax m'ghamlitx it-transazzjoni hi u ma tkunx taf min ha l-flus. Meta giet mistoqsija kemm kienu l-ammonti ta' kull cekk, wiegbet li kienu ta' sitt mitt Ewro (€600)–il wiehed u meta giet mistoqsija jekk hemmx xi data meta johrog ic-cekk wiegbet li ma tafx id-dati ezatt imma fuq kull cekk hemm l-*images* tad-dati. Ix-xhud spjegat li ghalkemm xi cekkijiet gew negozjati jew imsarrfin mal-HSBC xorta ma tistax tghid min sarrafhom ghaliex ma jinzammux *records* ta' min ikun sarraf ic-cekkijiet. Pero' qalet li jekk dawn ikunu gew impoggija go kont ikunu jistghu jigu ttrejsjati fejn il-flus gew depozitati.

Meta gie suggerit lilha li biex persuna ssarraf cekk trid l-ewwel tirrifmah, ix-xhud qalet li hija ma tahdimx fi branch u ma tistax tikkonferma l-procedura.

**Romwald Attard** xehed fl-14 ta' Mejju, 2013 in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fejn esebixxa cekk originali mahrug minn Percius Services Limited pagabbli lil Dr. Lorraine Schembri Orland fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) cekk datat sittax (16) ta' Jannar 2012 esebit bhala Dok AR1. Qal li dan ic-cekk gie depozitat permezz ta' ATM bil-*cashlink card* f'isem Jean Louis Fenech fil-kont numru 40020305949 fis-17 ta' Jannar 2012 u esebixxa *statement* ta' kont fejn jidher li sar tali depozitu. Dan gie mmarkat bhala Dok. AR2.

Mistoqsi jekk ghandux dettalji ta' Jean Louis Fenech ix-xhud wiegeb li skond ir-*records* taghhom Jean Louis Fenech huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 407595(M) u huwa residenti fil-fond numru 77, Edwige Ville, Triq is-Sienja, H'Attard u li hija l-persuna li irceviet id-deposit ta' dan ic-*cheque.*

**Romwald Attard** rega' xehed fl-10 ta' Lulju, 2013 fejn jghid li huma kienu inghataw dsatax-il (19) cekk *image* u gie mitlub jghid fejn kienu gew iddepozitati dawn. Spjega li mir-ricerka li ghamel sab li tnejn biss minn dawn ic-cekkijiet gew depositati fil Bank Of Valletta. Huwa esebixxa cekk *images* li gew markati bhala Dok BO 1u BO 2. Mitlub jispjega f'liema kont dahlu wiegeb li huwa kien ser jesebixxi *statement* tal-kont bin-numru 40010347865 f'isem The Hon. Madame Justice Lorraine Schembri Orland Clients Account, liema statement gie mmarkat bhala Dok. BO3..

**Mario Fenech** xehed fl-14 ta' Mejju, 2013. Meta gie mistoqsi ghalfejn kienu baghtu ghalih il-pulizija wiegeb li kienu baghtu l-Ghassa ta' Hal-Balzan, fejn staqsewh fuq manteniment ghall-perjodu mill-11 ta'

Novembru 2011 sa Mejju 2012 fejn gie allegat li seta' ma thallasx manteniment.

Ix-xhud kien accerta lill-pulizija li kien qed jinvestigah li hu dejjem obda l-ordni tal-Qorti u fil-fatt urieh l-ircevuti tac-cheque images li kellu fir-records tieghu. Spjega ulterjorment li kulll erba' gimghat kien jaghti sitt mitt Ewro (€600) lil wiehed mid-Diretturi tal-Kumapanija fejn jahdem, cioe' Percius, u dan kien johroglu cekk u dan ghaliex m'ghandux kont bankarju f'ismu minhabba l-mandati li ghandu fil-konfront tieghu. Sussegwentement dan ic-cekk kien jghaddih lill-avukata tieghu, li fil-bidu kienet Dr. Lorraine Schembri Orland (li issa lahqet Imhallef) u issa qed jghaddih lil PL.Quentin Tanti.

Dawn imbaghad jghadduh lill-Avukat Dr. Stephen Thake (l-avukat ta l-imputata) u Dr. Stephen Thake jghaddih lill-imputata peress li ma tridx tiftah kont il-Bank sabiex huwa jkun jista' jiddepositahulha direttament fil-kont taghha. Insista li zgur li ma kienx il-kaz li qabez xi pagament, ghax ma jridx jerga' jmur il-habs fuq l-istess haga (fejn jghid li kien ghamel sbatax-il jum habs ingustament fuq rapport falz tal-ex-mara tieghu) ahseb u ara kemm ma kienx il-kaz li naqas li jghaddi manteniment ghal perjodu itwal. Meta gie mistoqsi jekk kellux xi kazijiet ohra rigward manteniment, jghid li martu kienet ghamlet rapport iehor fuq manteniment, imma kien hareg liberat. Stqarr li kien hemm xi perjodu ta' vakanzi w l-avukati damu ma kkomunikaw bejniethom, pero' jinsisti li hu c-cekk tal-manteniment dejjem hargu u dejjem bic-cekk mahrug mill-HSBC fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) standard *pendente lite* kull erba' gimghat u dawn bdew minn Marzu 2011 u l-pagamenti dovuti gew imhallsa kollha. Meta mistoqsi kienx

hemm xi proceduri simili dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment pendenti quddiem il-Qorti, wiegeb li ma hemmx

**WPS 61 Maria Cuschieri** xehdet fl-14 ta' Mejju, 2013. Meta mistoqsija tispjega l-inolviment taghha rigward dan il-kaz wiegbet, li kienet prezenti waqt it-tehid tal-Istqarrija tal-persuna Juanita Fenech. Spjegat li kienu gew investigati diversi rapport, fosthom wiehed li jirrigwardja l-manteniment. Ikkonfermat l-istqarrija markata bhala dokument Dok. JR5 u fuqha gharfet il-firem taghha, ta' l-Ispettur Jonathan Ransley u ta' Juanita Fenech.

Qalet li minn pagna wiehed (1) sa pagna (2) tal-Istqarrija hemm bicca li tirrigwardja l-manteniment.

Hija kkonfermat ukoll li l-imputata nghatat id-dritt li tkellem avukat, kif muri fid-Dokument JR4 u l-imputata rrinunzjat ghal dan id-dritt. Fuq dan id-dokument hemm mil-firma taghha, ta' l-Ispettur Jonathan Ransley, ta' l-imputata Juanita Fenech u ta' PC 1026.

**George Borg Cardona** xehed fl-14 ta' Mejju, 2013 u kkonferma li l-imputata hija bintu. Wara gie mistoqsi jekk xtaqx jigi ezentat milli jixhed, pero' hu wiegeb li xtaq jixhed.

Ikkonferma li kienu baghtu ghalih il-pulizija biex ikellmuh rigward allegazzjoni ta' nuqqas ta' hlas ta' cekkijiet ta' manteniment u fil-fatt jghid li kien baghat xi nformazjoni lil xi Ufficcjali tal-Pulizija li suppost kellu jkun

hemm tnejn u ghoxrin pagament. Mistoqsi jekk kienx jaf liema cekk kien nieqes, jghid li ma kienx jaf. Jghid li sa fejn jaf hu c-cekkijiet kienu kollha mhallsin minbarra wiehed. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk jaqbilx li c-cekkijiet tal-mantenimenti thallsu kollha, wiegeb li iva pero’ nsista li kien hemm wiehed nieqes. Jghid li Mario Fenech kien idum ma jhallas u ghalhekk hu ma setax jghid liema cekk ma thallasx. B’referenza ghall-kwerela li giet prezenata rigward il-hlasijiet li kellhom isiru ghall-perijodu bejn Novembru 2011 sa Mejju 2012, jghid li jidhirlu li c-cekk nieqes kien fiz-zmien bejn Awissu w Settembru. Ix-xhud qal li Fenech tant kien ikun tard fil-hlasijiet li anke l-Qorti taghtu hasla w rabtitu li jrid jibda jhallas fil-hin. Meta mistoqsi ta’ liema sena kien ic-cekk nieqes, qal li kienet is-sena 2011.

Ix-xhud qal li pero’ biex ikun cert irid jara ic-cekkijiet hu u jara min ikun sarrafhom. Meta x-xhud gie mistoqsi rigward il-manteniment hux dovut lilu, wiegeb li le u meta mistoqsi jekk it-tifla tieghu talbitux xi flus wiegeb li iva gieli silifha.

**George Borg Cardona** xehed in kontro-ezami fit-13 ta’ Ottubru, 2014 u qal illi jzomm nota ta' meta effettivament ir-ragel tal-imputata, li tigi bintu, jaghmel il-pagamenti tieghu ai fini ta' mantiniment, u qal li dawn il-pagamenti dejjem jigu tard sal-lum il-gurnata minkejja li l-ligi taghtih hmistax (15)-il jum ohra.

Ix-xhud qal li fil-bidu ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) kien mar l-Ghassa biex jaghmel rapport li effettivament il-manteniment ma kienx qed jithallas fiz-zmien u l-Pulizija li kien prezenti ma riedx jaccetta r-

rapport li kien qed jaghmel. Fil-fatt kien kiteb lill-Assistent Kummissarju responsabbli ghad-distretti w esebixxa kopja ta' din l-ittra li giet esebita w immarkata bhala Dokument X u dan wara li kien tkellem mas-Supretendent Antonello Grech li kien ukoll responsabbli ghall-area.

Il-manteniment kellu jsir fil-hdax (11) ta' April, 2010, fid-disgha (9) ta' Mejju, 2011, fl-erbgha (4) ta' Lulju, fl-ewwel (1) ta' Awwissu, fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu, fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru u fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru dejjem tal-istess sena. Jghid li dawn kollha saru tard meta huma dovuti fl-ewwel (1) ta' Awissu u fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu - saru hamsa (5) jew erba' (4) gimghat tard. Deher ukoll li kien hemm pagament nieqes bejn l-ewwel (1) ta' Awissu u l-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011). Kompla li sal-lum il-pagamenti ghadhom isiru tard inkluz l-ahhar wiehed li ghadu ma sarx minkejja li ghaddew hmistax (15)-il jum.

Jghid li kien hu li effettivament ghamel ir-rapport li jikkoncerna dan il-kaz u r-rapport ghamlu peress li l-pagamenti kienu qed isiru tard u min-notamenti tieghu deherhlu li kien hemm cekk nieqes. Huwa kien kellem lil bintu li hija ukoll Avukat u cioe’ lil Dr. Katrina Borg Cardona u qabditu ma' Avukat u talbu biex jaghmel kwerela u effettivament kien tkellem ma' Dr. John Bonello u kien mar l-ufficcju tieghu pero' ma kienx hu li kiteb il-kwerela.

Mistoqsi jekk kienx kellem lil Juanita dwar dan ir-rapport li kien ghamel wiegeb li le, ghax effettivament kien jiehu hsieb kollox hu. Sa fejn jaf ix-xhud kompla jghid li t-tifla ma kinitx taf fuq dan ir-rapport li ghamel hu.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx informa lit-tifla b'dan ir-rapport li ghamel wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-Pulizija hadux passi a bazi ta' dik il-kwerela tieghu qal li le ma hadux.

Mistoqsi jekk effettivament dehrux il-Qorti a bazi ta' din il-kwerela li huwa pprezenta lill-Pulizija wiegeb illi ma jafx. Mistoqsi lil min hu dovut il-pagament ta' sitt mitt Ewro (€600) wiegeb li dan huwa dovut lil Juanita Fenech.  Mistoqsi min jigbor ic-cekk in kwistjoni wiegeb li daqqa t-tifla stess - l-imputata Juanita Fenech - u gieli t-tifel taghha u x-xhud naturalment jagixxi fuq dak li qaltlu Juanita ghaliex tkun hi li tghidlu li ma rcevietx il-pagament. Huwa jichad li kien baghat *e-mail* lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn kien qal li qed isir pagament barrani ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar minhabba n-nuqqas ta' dak il-pagament.

Jghid li ma kienx jaf li effettivament l-imputata kienet thallset ta' kollox dovut lilha u kien hemm ic-cekkijiet kollha.   Mistoqsi ghaliex ix-xhud kien mar biex jaghmel rapport wiegeb li hu kien jiehu hsieb ghalkemm bintu hija maggorrenni.  Ix-xhud qal illi ha hsieb ghax effettivament il-Pulizija ta' Birkirkara ma kienux qed jiehdu hsieb l-affarijiet kif suppost tant hu hekk li l-Ispettur Jonathan Ransley kien sahansitra anke baghat lin-neputi tieghu li huwa minuri gewwa l-*lock up* tal-Pulizija tal-Furjana.

Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' *email* li baghat lill-Assistent Kummissarju fejn kien qed jallega li l-Pulizija ma kienux qed jaghmlu xogholhom sew. Din giet immarkat bhala Dokument C.  Jghid li l-kalkoli tieghu ghamilhom fuq dak li kienet tghidlu t-tifla meta effettivament kienet tircievi l-hlas jew le.

Ix-xhud qal li effettivament kien hemm pagament wiehed biss nieqes li ma sarx u dejjem hekk kien, u suppost saru passi quddiem il-Qorti fuq dan in-nuqqas ta' pagament, pero' dawn ma sarux. Il-Prosekuzzjoni qed tghid li effettivament dan il-pagament sar ukoll, dwar dan ix-xhud jghid li ma jistax jikkonferma izda jghid li r-rapport kien ghamlu biex il-Pulizija taghmel il-verifiki u taghmel ic-*checking* ghax ma kienx cert.

Esebixxa *e-mail* ohra mibghuta mix-xhud lill-Kummissarju li giet immarkata bhala Dokument A, u ittra ohra li kien baghat lill-Police Board li giet immarkata bhala Dokument D, liema rapport ghadu qed jigi nvestigat.

**Melissa Micallef** xehdet fl-10 ta’ Lulju, 2013 fejn qalet li tahdem ma l-Avukat Stephen Thake u giet mitluba tipprezenta xi dokumenti dwar *receipts* ta’ manteniment minn April 2011 sa dak in-nhar li xehdet u dawn gew esebiti u mmarkati bhala Dok MM1. Dan id-dokument jirrapprezenta c-cekkijiet tal-manteniment fejn l-avukat tar-ragel ta’ Juanita Fenech kien jghaddi c-cekk tal-manteniment lill-avukat tieghu, dak iz-zmien Dr. Lorraine Schembri Orland (li llum hija Imhallef) u llum il-gurnata jghaddih lil P.L. Quentin Tanti. Dawn jghaddu c-cekk lilhom jkun f’isimhom u jghadduhulha ffirmat u b’*receipt*. Ix-xhud tohrog ricevuta li tkun irceviet il-hlas bl-indikazzjoni ta’ met jkun sar il-hlas u ghal-liema perijodu. Wara iccempel lill-klijenta ta’ Dr Thake, l-imputat odjerna, u gieli jmur jigbru binha dak inhar stess u gieli marret l-imputata stess.

Mistoqsija jekk ic-cekk jinghatax fil-hin, ix-xhud wiegeb li iva generalment ghalkemm kien hemm xi darbtejn jew tlieta li ma nghatax fiz-zmien. Ix-xhud esebiet *schedule of payment* mill-perjodu 11 ta' April 2011 sas-16 ta' Dicembru 2013 liema dokument gie markat bhala Dok MM2.

Mistoqsija jekk l-imputata kinitx iccempel ghac-cekk wiegbet li iva, meta kien jaghlaq iz-zmien. Tghid li llum il-gurnata c-cekk jiehdu l-ufficcju taghhom il-P.L. Quentin Tanti u gieli baghtet *sms* lill-imputata, izda ma zzomx rekord taghhom, kemm tghidilha li wasal ic-cekk ghandha w din tmur ghalih immedjatament. Tiftakar li kien hemm biss okkazjoni wahda fejn ma kinitx fl-ufficcju, li kien jum il-Hamin, ghax nhar ta' Hamis hija tahdem sas-siegha. Allura dakinhar ircevietu Maria w din hallietu hemm sal-gimgha ghax taf li hi (x-xhud) ghandha procedura kif izomm dokumenti simili, w l-ghada, jigifieri kienet cemplitilha w qaltilha li d-dokument kien f'idejha. Ic-cekkijiet kien jigborhom it-tifel u t-tifel kien jigbru bil-kunsens ta' ommu. Tghid li l-imputata kienet tghidilha li kien ser jigbru it-tifel. Sostniet li t-tifel kien jigbor ic-cekk bil-permess t'ommu. Qalet li hija kienet taghlaq ic-cekk f'envelop issigillat u gieli rat it-tifel jiftah l-envelop waqt li jkun ghadu fil-lift.

**Robert Bugeja** xehed fil-21 ta' Marzu, 2014 fejn ghan-nom tar-Registaratur tal-Qrati esebixxa vera kopja fotostatika rigwardanti xhieda li inghatat mill-imputata fil-process fl-ismijiet <u>**George Borg Cardona et vs Mario Fenech et**</u>, li kien qed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati, liema xhieda inghatat fis-7 (sebgha) ta' Marzu, 2012. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. RBA.

**Dr. Daniela Cassar** xehdet fit-13 ta’ Ottubru, 2014 u murija l-kwerela datata sitta (6) ta' Settembru, 2012 (fol. 84) immarkata bhala dokument CSH spjegat li dak iz-zmien kienet ghadha tahdem mal-kumpanija Scerri and Bonello Advocates u qalet illi Juanita Fenech kienet klijenta ta' Dr. John Bonello u hija l-imputata odierna. Spjegat li fil-fatt l-imputata hija separata u hija ntitolata ghal xi manteniment u effettivament l-imputata kienet tatha d-dati tax-xhur ta' meta ma kienitx thallset u hija kienet ghamlet din il-kwerela ghan-nom taghha. Mistoqsija mill-Qorti jekk effettivament kinitx Juanita Fenech li kienet kellmitha, wiegbet li iva. Meta l-Qorti staqsiet lix-xhud jekk effettivament setax kien il-kaz li kien missierha li tkellem maghha, x-xhud wiegbet illi le w ziedet li ma' missierha qatt ma ltaqghet.

Murija dokument iehor a fol. 85 sostniet li dak li qalet rigward il-kwerela l-ohra japplika ukoll ghal din il-kwerela. Qalet li f' dawn l-istess zewg (2) kwereli l-kwerelanti kienet qalet li ma thallsitx tal-manteniment dovut lilha u kien ghalhekk li x-xhud harget zewg (2) kwereli.

**George Borg Cardona** xehed fl-10 ta’ Novembru 2014, u esebixxa l-*complementary slip* li kien ircieva flimkien mal-kopja tal-kwerela li hemm esebita diga' fl-atti, liema kwerela tinsab esebita a fol. 84 tal-Process. Din il-*complementary slip* giet immarkata bhala Dokument Z u din il-*complementary slip* fil-fatt hija ndirizzata lilu w giet mibghuta lilu d-dar.

**Dr. Daniela Galea ga Cassar** regghet xehdet fit-13 ta’ Mejju, 2015 u ghal darb’ ohra kkonfermat dak li kienet qalet fix-xhieda taghha precedent, u cioe’ li kienet tkellmet mal-imputata li gharfet prezentli fl-Awla, w ma’

missierha ma kinitx iltaqghet. Murija d-dokument a fol. 103 (a) tal-atti hija gharfet il-firma taghha fuq l-*complimentary slip.*

Ix-xhud qalet li ma tistax tikkonferma jekk is-Sur Borg Cardona hux missier Juanita Fenech. Ix-xhud qalet li kienet inghatat struzzjonijiet biex tikteb il-kwerela pero' ma tistax tikkonferma minghand min, jekk kienx minghand Dr. Bonello li dak iz-zmien kienet tahdem fl-ufficcju tieghu. Inoltre nsiet jekk kinitx l-imputata stess jew ohtha, Dr. Katrina Borg Cardona, li tawha struzzjonijiet sabiex l-ittra tibghatha lis-Sur George Borg Cardona, u llum mhix f'posizzjoni li tivverifika, pero' tikkonferma li dawn huma l-istruzzjonijiet li kienu moghtija lilha dakinhar.

Tikkonferma bil-gurament taghha li hi kkomunikat direttament mal-imputata fuq din il-kwistjoni w qalet li fil-fatt tiftakar li kienet baghtet dawn il-kopji lil George Borg Cardona mhux mill-memorja izda mill-*complimentary slip* li giet murija lilha. Ikkonfermat li ma' George Borg Cardona personalment qatt ma ltaqghet. Tghid li ma tiftakarx jekk George Borg Cardona qattx kien mar fl-ufficju taghha. Mistoqsija jekk taghrafx lis-Sur Borg Cardona jekk tarah, wiegbet li lanqas dan ma taf.

F'dan l-istadju l-Qorti ordnat li jsir konfront bejn ix-xhud u bejn George Borg Cardona li dahal fl-Awla. Meta staqsweha jekk taghrafx lil George Borg Cardona, bil-gurament taghha qalet li le qatt ma kienet ratu.

Dr. George Borg Cardona seduta stante kkonferma illi huwa lil Dr. Daniela Cassar qatt ma kellimha *face to face* u li jekk tkellem maghha kien fuq it-telefown.

F'dan l-istadju l-Qorti ordnat illi George Borg Cardona johrog barra mill-Awla.

Meta giet mistoqsija jekk qattx tkellmet ma' George Borg Cardona fuq it-telefown qalet li ma tiftakarx. Ix-xhud stqarret li ma talbitx li jkollha f'idejha l-*file* mill-ufficcju fejn kienet tahdem meta rceviet it-tahrika biex tixhed u li lanqas mal-pulizija qatt ma tkellmet fuq dan il-kaz.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2015 meta l-istess partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat.**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza in breve kienu is-segwenti:-

1. L-imputata kif stqarret Dr. Daniela Cassar kienet marret tkellimha l-ufficcju taghha w talbitha sabiex tibghat kwerela l-Ghassa tal-Pulizija ta' H'Attard b'dan illi xtaqet tirraporta lil zewgha Mario Fenech li naqas li jaghtiha l-manteniment dovut skond id-digriet tal-Qorti, liema

manteniment kien ikopri l-perijodu ta’ bejn Novemberu 2011 u Mejju 2012. Fil-fatt tghid li l-imputata marret darbtejn u bagthet zewg kwereli li jkopru l-istess zmien. Dawn jinsabu esebiti fl-atti u mmarkati bhala Dok CSH u CSH 1 a fol. 84 u 85 ta’ l-atti.

2. Illi in segwitu’ ta’ dawn il-kwereli l-Ispettur Jonathan Ransley jghid li kien baghat ghal Mario Fenech u beda jinvestiga dawn il-kwereli. Jghid li appena baghat ghalih, dan Mario Fenech ikkonfermalu li effettivament kien hallas il-manteniment kollu dovut minnu w fil-fatt ghaddielu *statement* tal-pagamenti kollha li effettivament kien ghadda lil martu l-imputata.
3. Illi jidher li effettivament Mario Fenech ma kienx jghaddi hu direttament il-manteniment lill-imputata, izda kien johrog cekk kull erba’ gimghat, jghaddih lill-konsulent legali tieghu u dan imbaghad kien jiehdu ghand l-ufficcju ta’ Dr. Thake sabiex minn hemm l-imputata tmur u tigbru, w b’hekk l-istess ufficcju ta’ Dr. Thake ikollhom *statement* tal-pagamenti li jsiru.
4. Illi xehdet Melissa Micallef u esebiet id-Dokument MM2 u minn ezami tal-istess jirrizulta li bejn Novembru 2011 u Mejju 2012 Mario Fenech kien ghamel seba’ pagamenti kif hemm indikat. Din ix-xhud ukoll tghid li kienet iccempel lill-imputata sabiex tmur tigbor ic-cekk u l-imputata gieli kienet tmur hi u gieli kienet tibghat lil binha.
5. Apparti id-dokument MM2, ix-xhud Melissa Micallef esebiet dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok MM1li jirrapprezenta ir-ricevuti li kienet thalli l-imputat meta tmur tigbor ic-cekk relattiv. Minn ezami tal-istess jirrizulta li saru is-segwenti pagamenti lil Juantia Fenech:-
    i. Fit-17 ta Novembru 2011 Mario Fenech hareg cekk mill-kont ta’ Percius Car Hire fl-ammont ta’ €600, liema cekk inhareg f’isem Dr. Lorraine Schembri Orland u gie mghoddi lill-ufficcju ta’ Dr. Thake (l-avukat ta l-imputata) fil-21 ta’ Novembru 2011 u Melissa Micallef ghan nom ta’ Dr. Thake harget ricevuta nhar it-22 ta Novembru 2011 ghall-istess

ammont u hemm indikat li l-pagament li jmiss kellu jinhareg fid-19 ta' Dicembru 2011.

ii. Fit-15 ta' Dicembru 2011 Mario Fenech hareg cekk mill-kont ta' Percius Car Hire fl-ammont ta' €600, liema cekk inhareg f'isem Dr. Lorraine Schembri Orland u gie mghoddi lill-ufficcju ta' Dr. Thake (l-avukat ta' l-imputata) fid-19 ta' Dicembru 2011 u Melissa Micallef ghan-nom ta' Dr. Thake harget ricevuta nhar id-19 ta' Dicembru 2011 ghall-istess ammont u hemm indikat li l-pagament li jmiss kellu jinhareg fit-18 ta' Jannar 2012.

iii. Fis-16 ta' Jannar 2012 Mario Fenech hareg cekk mill-kont ta' Percius Car Hire fl-ammont ta' €600, liema cekk inhareg f'isem Dr. Lorraine Schembri Orland u gie mghoddi lill-ufficcju ta' Dr. Thake (l-avukat ta' l-imputata) fis-16 ta Jannar 2012 u Melissa Micallef ghan-nom ta' Dr. Thake harget ricevuta nhar is-16 ta' Jannar 2012 ghall-istess ammont u hemm indikat li l-pagament li jmiss kellu jinhareg fit-13 ta' Frar 2012.

iv. Fl-14 ta' Frar 2012 Mario Fenech hareg cekk mill-kont ta' Percius Car Hire fl-ammont ta' €600, liema cekk inhareg f'isem Dr. Lorraine Schembri Orland u gie mghoddi lill-ufficcju ta' Dr. Thake (l-avukat ta' l-imputata) fl-14 ta Frar 2012 u Melissa Micallef ghan-nom ta' Dr. Thake harget ricevuta nhar is-17 ta' Frar 2012 ghall-istess ammont u hemm indikat li l-pagament li jmiss kellu jinhareg fit-12 ta' Marzu 2012.

v. Fit-12 ta' Marzu 2012 Mario Fenech hareg cekk mill-kont ta' Percius Car Hire fl-ammont ta' €600, liema cekk inhareg f'isem Dr. Lorraine Schembri Orland u gie mghoddi lill-ufficcju ta' Dr. Thake (l-avukat ta' l-imputata) u Melissa Micallef ghan-nom ta' Dr. Thake harget ricevuta nhar it-13

ta' Marzu 2012 ghall-istess ammont u hemm indikat li l-pagament li jmiss kellu jinhareg fid-9 ta' April 2012.

vi. Fit-2 ta' April 2012 Mario Fenech hareg cekk mill-kont ta' Percius Car Hire fl-ammont ta' €600, liema cekk inhareg f'isem Dr. Lorraine Schembri Orland u gie mghoddi lill-ufficcju ta' Dr. Thake (l-avukat ta' l-imputata) fit-3 ta' April 2012 u Melissa Micallef ghan-nom ta' Dr. Thake harget ricevuta nhar il-5 ta' April 2012 ghall-istess ammont u hemm indikat li l-pagament li jmiss kellu jinhareg fis-7 ta' Mejju 2012.

vii. Fis-7 ta' Mejju 2012 Mario Fenech hareg cekk mill-kont ta' Percius Car Hire fl-ammont ta' €600, liema cekk inhareg f'isem Dr. Lorraine Schembri Orland u gie mghoddi lill-ufficcju ta' Dr. Thake (l-avukat ta' l-imputata) fis-7 ta' Mejju 2012 u Melissa Micallef ghan-nom ta' Dr. Thake harget ricevuta nhar it-8 ta' Mejju 2012 ghall-istess ammont u hemm indikat li l-pagament li jmiss kellu jinhareg fl-4 ta' Gunju 2012.

6. Illi kopji ta' dawn ic-cekkijiet relattivi jinsabu esebiti fl-atti a fol. 23 et seq. immarkati bhala Dok. GA prezentati minn Audrey Ghigo rapprezentanta tal-HSBC waqt ix-xhieda taghha.

7. Illi dawn iz-zewg dokumenti qatt ma gew kontestati mill-imputata.

8. Illi l-imputata ma xehditx f'dawn il-proceduri, kif kellha kull dritt, pero' giet investigata *a tempo vergine* mill-Pulizija Esekuttiva w irrilaxxjat stqarrija appozita fejn tghid li zewgha ma hallashiex manteniment f'okkazjoni wahda biss *ex admisses* a fol. 1 tal-istqarrija taghha meta tghid "*darba kienet one payment. Darba ta' four weeks*." Mistqosija in segwitu' ta' liema xahar tghid *"ma nafx nghidlek ezatt pero' xi darba minnhom ma hallasx"*.

9. Meta l-pulizija staqsiet lill-imputata jekk il-kwerela kinitx korretta in vista ta' dak li qalet, tghid li dwar il-kwerela ma taf xejn ghaliex mhux hi marret ghand l-avukat izda missierha.

10. Mistoqsija jekk missierha hax xi zball tghid *ex admisses "I do not rule anything out. X'imkien hemm tahwida"* .

11. Cio' nonostante pero' Dr. Daniela Cassar tikkonferma li kienet l-imputata li marret tkellimha w tirraporta lil zewgha li ma hallashiex manteniment, u in effetti meta Dr. Cassar giet mistoqsija jekk setax kien il-kaz li kien missier l-imputata li rraporta l-kaz, seduta stante tghid li lil missier l-imputata ma tafux u meta dahal fl-awla kkonfermat li mieghu qatt ma tkellmet wicc imb'wicc.

12. George Borg Cardona fix-xhieda tieghu tat-13 ta' Ottubru 2014 (fol. 89) jghid li kien huwa li ghamel ir-rapport peress li l-pagamenti kienu jsiru tardivament. Izda fix-xhieda tat-13 ta' Mejju 2015 jghid li huwa qatt ma tkellem mal-avukata Dr. Daniela Cassar.

13. Illi l-imputata ma ressqet l-ebda prova in sostenn tal-kwerela taghha li effettivament zewgha ma hallashiex il-maneniment dovut.

Bhala fatti din il-Qorti thoss li m'hemmx wisq aktar x'jinghad u ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tara jekk il-fatti kif fuq spjegati jaqghux fil-parametri tar-reati moghtija mill-Prosekuzzjoni lill-imputata.

**Kunsiderazzjonijiet Legali.**

L-imputata fl-ewel lok giet akkuzata bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 110 (1) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta -'l hekk imsejjah *"holqien qarrieqi ta' provi foloz"* li jipprovdi is-segwenti:-

*"Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel........."*

F'dan ir-reat l-imputat irid b'qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jista' jingieb bi prova kontra persuna ohra sabiex tigi akkuzata kontra is-sewwa. Huwa importanti li l-malvivent ikun jaf li jkun qed jaghmel hekk b'mod doluz sabiex il-persuna innocenti tkun tista' taffaccja proceduri kriminali. L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-fatt li bniedem jikkreja b'mod doluz fatt li jista' jintuza bhala evidenza f'kaz kriminali kontra persuna innocenti. L-element intenzjonali jikkonsisti fl-intenzjoni da parti tal-agent li jara li persuna innocenti tigi misjuba hatja jew akkuzata b'reat meta kien jaf li tali persuna hija innocenti. Dan ir-reat huwa kkonsmat fil-mument li l-elementi materjali u intenzjonali jikkonkorru - irrespettivament jekk persuna tressqitx il-Qorti jew le.

**Francesco Antolisei** [1] jelenka erba' elementi biex jissussissti r-reat in kwistjoni:

> *(1)"La simulazione deve avere per oggetto un reato vero e proprio (delitto o contravenzione)."*
>
> Kieku verament Mario Fenech ma kienx hallas manteniment kienu jittiehdu proceduri fil-konfront tieghu a bazi tal-Artiklu 338 zz tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Manuale di Diritto Privato Parte Speciale II pp. 765 -766 (quinta edizione,1966).

*(2)"Il reato non deve essere avvenuto: deve, in altri termini, trattarsi di un reato immaginario."*

F'dan il-kaz Mario Fenech ma tressaqx il-Qorti ghaliex il-Prosekuzzjoni ghamlet l-invsetigazzjoni taghha.

*(3)"La denuncia, diretta o indiretta, deve essere tale da poter determinare l'inizio di un procedimento penale.... Si tenga ben presente in proposito che non e` necessario che il procedimento penale abbia avuto inizio: la legge richiede soltanto la possibilita` di tale procedimento."*

Il-ligi taghna wkoll tghid li t-tracci jridu jkunu **"b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri lanqas ma huwa necessarju li tali proceduri jinbdew.

L-awtur **Antolisei** jirreferi ghal gurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni fis-sens li:-

*"la Cassazione ha affermato in piu` occasioni essere sufficiente che la falsa notizia determine investigazioni o altri accertamenti preliminari da parte, anche soltanto, della polizia giudiziaria. Ed anzi ha asserito che basta all'integrazione dell'illecito la semplice possibilita` di investigazioni preliminari (Cass. 26 novembre 1963, in Mass. Pen. 1964, m. 699). Ha pure ritenuto che non occorre che la denunzia sia formalmente valida, bastando una qualsiasi narrazione, purche` fatta in modo da rendere non del tutto inverosimile il reato. Vedasi, ad es., Cass. 21 febbraio 1962, in Giust. Pen. 1962, II, 609, 572; Id. 28 febbraio 1958, ivi 958, II, 461; Id. 6 luglio 1957, ivi 1958, II, 61; Id. 16 ottobre 1951, ivi 1952, II, 494."*

*(4)"L'ultima condizione e` negativa. Non deve trattarsi di incolpazione personale, vale a dire, il fatto non deve essere attribuito a un determinato individuo, perche` altrimenti si avrebbe il delitto piu` grave di calunnia."*

Issa fil-kaz in desamina l-imputata indikat lil zewgha.

Il-Professur Sir Anthony Mamo jiccita[2] **l-Maino** li jghid dwar dan ir-reat:

*"La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materiali di un reato …. Tale sarebbe il porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuole colpire, ovvero il porre sulla persona o nell'abitazione altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva."*

Il-**Professur Mamo** mbaghad jghid dwar dan ir-reat:

*"The constituent elements of this crime emerge clearly from its definition. The material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of or charged with the offence. If these two elements concur the crime subsists, even though the person against whom the evidence was fabricated may not have been, in point of fact, convicted or even charged…. in the case of this form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*

[2] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 58.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs David Mizzi</u>** deciza fis-16 ta' Frar 2008 inghad li:-

*"Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kkontemplat fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm fatt jew cirkostanza bl-iskop li dan il-fatt jew cirkostanza tkun tista' tingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, jew migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita' kompetenti b'fatti ammontati ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna."*

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju fid-dawl tas-sentenza fuq citata illi sabiex jissussisti dan ir-reat huwa necessarju li l-akkuzat iddenunjza persuna partikolari u attribwielha fatti u cirkostanzi li ma humiex minnhom fil-konfront taghha. Hemm bzonn li tigi denunzjata persuna partikolari sabiex l-istess indizzji materjali li hejjiet l-akkuzata dolozament ikunu jistghu jintuzaw kontra dik l-istess persuna. Dan l-artikolu ma jipprospettax rapport maghmul *in a vacuum* izda rapport dirett kontra persuna partikolari sabiex mill-gustizzja johloq ingustizzja fil-konfront ta' persuna partikolari li f'dan il-kaz kien zewgha Mario Fenech u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta pprovata.

L-imputata fit-tieni lok giet akkuzata bir-reat dispost fl-**Artikolu 110 (2**) li jipprospetta r-reat ta' holqien ta' reat *sic et simplicite* maghruf bhala "holqien ta' reat" li jipprovdi is-segwenti:-

"*Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, jehel.....*"

Fir-rigward ta' dan ir-reat, il-Professur **Sir Anthony Mamo** jghid[3]:

"*This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged…. Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender: otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation…. The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person*"

Skond is-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi** il-Qorti irriteniet li "*Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (2) - is-simulazzjoni ta' reat - dan, bhal fil-kaz tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex*

[3]*Op. cit.* p. 59 – 60.

*jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk elment kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx. Is-semplici fatt li wiehed joqghod fuq dak li jkun qallu haddiehor, minghajr ma jkollu raguni ghaliex jahseb li dak li qallu dak il-haddiehor ma kienx minnu, ma jwassalx ghal dan ir-reat".*

Dan ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat huwa differenti mir-reat ta' kalunja ghaliex f'dan ir-reat m'hemmx akkuza specifika kontra persuna specifika u m'hemmx l-intenzjoni tal-agent li jressaq il-Qorti persuna innocenti. Il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Anthony Farrugia</u>** (2004) irriteniet li l-**Artikolu 110 (2)** huwa destinat sabiex jikkreja inkonvenjent u pregudizzju lill-awtoritajiet kompetenti ghaliex ikollhom jahlu il-hin sabiex jinvestigaw rapporti dwar reati li fil-verita' ma sehhewx apparti l-allarm li jistghu tal volta jikkrejaw lill-pubbliku. F'dan il-kaz l-element intenzjonali jikkonsisti fil-fatt li l-agent iressaq informazzjoni dwar allegat reat li jaf li ma sehhx u ghalhekk l-intenzjoni specifika hija dik sabiex tizvija il-gustizzja. Dan hu reat formali u hu kkonsmat fil-mument li jsir ir-rapport lill-pulizija esekuttiva. Fil-kaz in desamina dan ir-reat sar ukoll ghaliex l-imputata qabdet u baghtet zewg kwereli li kienu foloz, fis-sens li rraportaw fatti li ma kienux veri meta l-istess imputata kienet taf li m'humiex veri.

Fit-tielet lok l-imputata giet akkuzat bir-reat ta' kalunja kif dispost fl-**Artikolu 101 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi is-segwenti:-

*"Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel......."*

Kull ma jirrikjedi l-**Artikolu 101** li tahtu l-imputata hija ukoll akkuzata hu l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-il-persuna fil-fatt ma kinitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kkagunata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.[4]

L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita' partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja ssir quddiem awtorita' kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti (jew tghaddi l-kaz lil haddiehor biex dan eventwalment iressaq il-Qorti) lil dik il-persuna li tkun allegament ikkommettiet dak ir-reat.[5] Biex ikun hemm ir-reat ta` falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali.[6]

---

[4] *Il-Pulizija Vs Doreen Zammit*, Deciza fil-15 ta' Gunju 2001 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.
[5] *Il-Pulizija Vs Joseph Seychell*, Deciza fis-17 ta' Ottubru 1997 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali..
[6] *Il-Pulizija Vs Vincenzo Attard*, Deciza fis-17 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.

Minn dawn il-fatti jemergi l-element formali ta' dan ir-reat addebitat lill-imputata. Bhala fatt jirrizulta li l-imputata rrapportat lil zewgha Mario Fenech lill-Pulizija Ezekuttiva b'kontravenzjoni li ma sehhtix u cioe' li naqas ihallasha manteniment tul medda ta' zmien - u cioe' ghall-perijodu ta' sitt xhur skond zewg kwereli mibghuta mill-imputata datati 1 ta' Awissu u 6 ta' Settembru 2012, (Dok. CSH u CSH 1fol. 84 u 85) meta kienet taf li mhux minnu. Bizzejjed issir referenza ghax-xhieda li kienet tat l-imputata stess f'kawza civili fl-ismijiet **George Borg Cardona et vs Mario Fenech et** (Rik. Numru 105/2011) nhar is-7 ta Marzu 2012 fejn stqarret bil-gurament taghha li l-intimat kien qed ihallasha l-manteniment (fol. 73), u ghall-istqarrija taghha fejn tghid li sa fejn taf hi kien hemm nieqes manteniment ta' erbgha gimghat biss minkejja li fil-kwereli taghha hemm indikat sitt xhur .

**Dwar il-piena.**

Il-Qorti rat illi l-imputata diga kisret dufrejha mal-ligi meta kient instabet hatja ta' serq u frodi w uzu ta' dokument falz u inghatat sentenza sospiza ta' tmintax-il-xahar. Rat illi pero' dan sehh fis-sena 1992 u minn hemm 'il quddiem ma gie registrat l-ebda reat iehor skond il-Fedina Penali esebita fl-atti. Cio' nonsotante, din il-Qorti tikkunsidra ir-reati li taghhom qed tinstab hatja ta' certu portata w dan ghaliex qed tiddenunzja persuna innocenti (u cioe' lil zewgha) b'kontravenzjoni meta kient taf li huwa innocenti, oltre l-akkuzi l-ohra, u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-

imputata ghal sentenza ta' prigunerija sospiza  w dan sabiex ikollha effett ta' mannara fuq rasha u jzommha 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita'.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe' l-**Artikoli 109, 101, 110(1) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputata JUANITA FENECH hatja w tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti qieghda wkoll tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai fini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tikkundanna lill-imputata il-piena tal-Interdizzjoni Generali,  kif ukoll Interdizzjoni milli l-hatja sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhala perit f'kull kaz li jkun. Dan ghall-perijodu ta' hames (5) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------